

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2318/2001**  
tad-29 ta' Novembru 2001

► **M1** li jistipola regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 fir-rigward ta' l-għarfien ta' l-organizzazzjonijiet ta' produttori u assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produttori fl-oqsma tas-sajd u l-akwakultura ◀

(OJ L 313, 30.11.2001, p. 9)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <b>M1</b>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1767/2004 tat-13 ta' Ottubru 2004	L 315	28	5.7.2006



**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2318/2001**

**tad-29 ta' Novembru 2001**

**► M1 li jistipola regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 fir-rigward ta' l-għarfien ta' l-organizzazzjonijiet ta' produtturi u assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi fl-oqsma tas-sajd u l-akwakultura ◀**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti tas-sajd u akwakultura <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 939/2001 <sup>(2)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 5 (4) u l-Artikolu 6(7) miġjub fih,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2939/94 tat-2 ta' Diċembru 1994 li jipprovi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 105/76 dwar ir-rikonoxximent ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi fl-industrija tas-sajd <sup>(3)</sup>, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1762/96 <sup>(4)</sup>, jeħtieġ emendi konsiderevoli. Għandu għalhekk jiġi abrogat u mibdul.
- (2) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet u l-proċedura għall-għoti tar-rikonoxximent lill-Istati Membri lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi b'dak il-mod li tiġi garantita l-applikazzjoni konsistenti tar-regoli li jirregolaw l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-sajd u l-prodotti ta' akwakultura.
- (3) Organizzazzjoni tal-produtturi hija meħtieġa, skond l-Artikolu 5 (2) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, li tipprovi evidenza li tkun suffiċjentement attiva ekonomikament biex ikun jixirqilha rikonoxximent. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu mfissra l-kriterji biex dik il-kondizzjoni titqies li tkun ġiet imħarsa.
- (4) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu speċifikati l-kondizzjonijiet għall-għarfien ta' assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi.
- (5) Hemm ħtieġa li ssir disposizzjoni għall-istabbiliment ta' regoli komuni li l-membri ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi jkunu obbligati jħarsu.
- (6) Huwa f'loku li jiġi speċifikat liema tagħrif għandu jiġi provdut mill-applikant għar-rikonoxximent. (6) Għandhom jiġu stabbiliti limiti ta' żmien għall-għoti jew ir-rifjut ta' rikonoxximent u ċerti regoli dwar l-irtirar tar-rikonoxximent
- (7) Għandhom jiġu provduti miżuri għall-verifikar tal-konformità mal-kondizzjonijiet marbuta mar-rikonoxximent, u biex jiġu stabbiliti l-konsegwenzi ta' xi applikazzjoni frawdolenta għal l-użu ta' dak ir-rikonoxximent.
- (8) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Amministrazzjoni tal-Prodotti tas-Sajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

<sup>(1)</sup> ĠU L 17, 21.01.00, p. 22.

<sup>(2)</sup> ĠU L 132, 15.05.01, p. 10.

<sup>(3)</sup> ĠU L 310, 03.12.94, p. 12.

<sup>(4)</sup> ĠU L 231, 12.09.96, p. 6.



### Artikolu 1

1. Organizzazzjoni tal-produtturi kif definita fl-Artikolu 5(1 tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 għandha titqies li tkun attiva biżżejjed ekonomikament għall-finijiet ta' l-Artikolu 5(2) tiegħu, jekk:

- (a) fuq il-bażi tad-daqs tagħha, il-kapaċità totali ta' bastimenti tas-sajd li joperaw minnha u r-regolarità u d-daqs tal-qabdi, iż-żona koperta bl-applikazzjoni għar-rikonoxximent hija meqjusa mill-Istat Membru li tkun ta' importanza biżżejjed; u
- (b) kull waħda minn dawn il-kondizzjonijiet tiġi mħarsa:
  - (i) in-numru tal-bastimenti mħaddma minn membri ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi jkun ta' l-anqas 20 % tan-numru totali ta' bastimenti normalment preżenti f'dik iż-żona; jew
  - (ii) għall-ispeċi jew il-grupp ta' speċi li għaliha ikun qed jintalab ir-rikonoxximent, l-organizzazzjoni tal-produtturi tbiegħ:
    - ta' l-anqas 15 % skond il-piż tal-produzzjoni totali fiż-żona tagħha, jew
    - ta' l-anqas 30 % skond il-piż tal-produzzjoni totali f'port prinċipali jew suq fiż-żona tagħha, bl-Istat Membru konċernat jagħti tifsira ta' xi tfisser "prinċipali" għal dan il-għan.

2. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu liema mill-kondizzjonijiet imniżżla fil-paragrafu 1(b) għandhom japplikaw fit-territorju tagħhom.

Dawn għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-partijiet interessati bid-deċiżjoni tagħhom fi żmien xahrejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Fil-każ li tinbidel l-istruttura tas-suq, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jbiddu l-kondizzjoni. Għandhom jinnotifikaw minnufih b'dan lill-Kummissjoni u lill-partijiet interessati.

3. Fejn organizzazzjoni tal-produtturi tkun magħmula minn produtturi li ta' l-anqas 30 % tagħhom joperaw f'żona waħda jew aktar barra minn dik li fiha l-bastimenti mħaddma mill-membri ikollhom il-port tagħhom, dik l-organizzazzjoni għandha titqies li tkun attiva biżżejjed ekonomikament għall-finijiet ta' l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 jekk, għall-ispeċje jew il-grupp ta' speċi li dwarhom jintalab ir-rikonoxximent, tbiegħ minn ta' l-anqas 4 % skond il-piż tal-produzzjoni nazzjonali.

4. Fl-interessi ta' amministrazzjoni aktar effiċjenti, l-Istat Membru jista' jiffissa bejn 15 % u 30 % il-persentaġġ li ssir reerenza għalih fl-ewwel inċiż tal-paragrafu 1(b)(ii), jista' jiffissa bejn 30 % u 50 % il-persentaġġ li ssir referenza għalih fit-tieni inċiż tal-paragrafu 1(b)(ii), u jista' jiffissa bejn 30 % u 50 % il-persentaġġ dwar il-produtturi li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 3.

5. Meta jintalab rikonoxximent għall-prodotti ta' l-akwakultura, l-attività ekonomika għandha titqies li tkun biżżejjed għall-finijiet ta' l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 jekk l-organizzazzjoni tal-produtturi tbiegħ minn ta' l-anqas 25 % tal-produzzjoni totali ta' l-ispeċi jew grupp ta' speċi in kwistjoni, fiż-żona ta' produzzjoni li tkun meqjusa kbira biżżejjed mill-Istat Membru konċernat fuq il-bażi tal-kriterji stabiliti minn dak l-Istat Membru.

Sabiex jingħata kont tal-karatteristiċi speċifiċi tal-produzzjoni reġjonali l-Istat Membru jista' jiffissa l-persentaġġ li ssir referenza għalih fl-ewwel subparagrafu f'parentesi ta' bejn 25 % u 50 %.

L-Istati Membri għandhom, fi żmien xahrejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-persentaġġ li jkun għażlu li japplikaw.

▼ **M1***Artikolu 2*

1. Stat Membru jista jagħti għarfien lil assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti f'dak l-Istat Membru biss bil-kundizzjoni li:
  - (a) li jkollha proporzjon minimu tan-numru totali ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti mill-Istat Membru ikkonċernat f' fergħa partikolari; u
  - (b) il-valur tal-produzzjoni ta' l-assoċjazzjoni mqiegħda fuq is-suq tirra-preżenta almenu 20% tal-valur tal-produzzjoni nazzjonali f'din il-fergħa.
2. Stat Membru jista jagħti għarfien lil assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti fi Stati Membri differenti, bil-kundizzjoni li:
  - (a) l-assoċjazzjoni jkollha l-kwartieri ġenerali tagħha fuq it-territorju ta' dak l-Istat Membru;
  - (b) il-valur tal-produzzjoni ta' l-assoċjazzjoni mqiegħda fuq is-suq tirra-preżenta proporzjon minimu tal-produzzjoni ta' ċertu prodotti tas-sajd f' fergħa partikolari;
  - (c) l-organizzazzjonijiet ta' produtturi li jiffurmaw l-assoċjazzjoni jkollhom x'jaqsmu mas-sajd, il-produzzjoni u n-negozju tar-riżorsi tas-sajd li jisfruttaw flimkien; u
  - (d) l-assoċjazzjoni tagħmel xogħolha bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li jiggvernaw l-allokkazzjoni ta' l-opportunitajiet ta' sajd fost l-Istati Membri fi qbil ma' l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2371/2002 ta l-20 ta Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd li jaqgħu taħt il-Politika Komuni tas-Sajd.
3. L-Istat Membru li jilqa' l-Kwartieri Ġenerali ta' l-assoċjazzjoni ser iwaqqaf, b'kollaborazzjoni ma l-Istati Membri l-oħra kkonċernati, il-kooperazzjoni amministrattiva meħtieġa biex tiżgura li l-kondizzjonijiet għall-għarfien huma rrispettati u biex jitwettqu kontrolli fuq l-attivitajiet ta' l-assoċjazzjoni. Tali kooperazzjoni amministrattiva ser tkopri ukoll l-irtirar ta' l-għarfien.
4. Assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet produtturi ma jistax ikollha pożizzjoni dominanti f'suq partikolari sakemm mhux neċessarju għat-twettiq ta' l-għanijiet ta' l-Artikolu 33 tat-Trattat.
5. L-Artikoli 3, 4, 5, 6 u 7 tar-Regolament (KE) Nru 2318/2001 ser japplikaw *mutatis mutandis* lill-assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti fwieħed u aktar minn Stat Membru wieħed.
6. L-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 908/2000 mhux ser japplika lill-assoċjazzjonijiet ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti fi Stati Membri differenti.

▼ **B***Artikolu 3*

1. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2508/2000 <sup>(1)</sup>, ir-regoli dwar is-sajd, il-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 5(1)(c)(1) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 għandhom jitħejjew bil-miktub.
2. Skond l-Artikolu 5(1)(c)(4) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, il-ħtieġa li l-membri għandhom ibiegħu il-produzzjoni totali tagħhom permezz ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi tal-produtturi, tista' titneħħa jekk il-prodotti jinbiegħu skond regoli komuni stabbiliti minn qabel. F'dawk il-każi, dawn ir-regoli komuni għandhom ta' l-anqas ikunu jeħtieġu konformità mal-prezzijiet ta' rtirar ta' l-organizzazzjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 289, 16.11.00, p. 8.

**▼B**

3. B'deroga mill-Artikolu 5(1)(c)(4) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, il-kwantitajiet ta' prodotti li dwarhom il-membri ta' organizzazzjoni ta' produttori jkunu kkonkludew kuntratti qabel ma jkunu saru membri m'għandhomx għalfejn ibiegħuhom permezz ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi, dment li l-membri jkun avżaw lill-organizzazzjoni bl-implikazzjonijiet u t-tul tal-kuntratti qabel ma jissieħbu, u dment l-organizzazzjoni tkun qablet li tneħħi din il-ħtieġa.

*Artikolu 4*

Meta jitlob rikonoxximent, l-applikant għandu jipprovdi dan li ġej:

- (a) il-kostituzzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi;
- (b) ir-regoli u r-regolamenti ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi;
- (c) l-ismijiet tal-persuni li għandhom l-awtorità li jaġixxu fisem l-organizzazzjoni tal-produtturi;
- (d) id-dettalji ta' dawk l-attivitajiet tagħha li fuqhom tkun ibbażata l-applikazzjoni għar-rikonoxximent;
- (e) xhieda li tikkonforma ma' l-Artikolu 1 jew l-Artikolu 2.

*Artikolu 5*

Fi żmien tlett xhur minn mindu jirċievi applikazzjoni għar-rikonoxximent l-Istat Membru għandu javża lill-organizzazzjoni tal-produtturi bil-miktub dwar id-deċiżjoni tiegħu. Jekk ir-rikonoxximent jiġi miċħud, l-Istat Membru għandu jagħti r-raġunijiet għal dik iċ-ċaħda.

*Artikolu 6*

Fejn ikun ippjanat li jiġi rtirat ir-rikonoxximent, l-Istat Membru għandu jinnotifika dak il-ħsieb lill-organizzazzjoni tal-produtturi, flimkien mar-raġunijiet għal dak l-irtirar. L-Istat Membru għandu jippermetti lill-organizzazzjoni tal-produtturi li tibgħat l-osservazzjonijiet tagħha fi żmien perjodu speċifikat.

*Artikolu 7*

1. Skond l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, l-Istati Membri għandhom iwettqu verifika ta' l-anqas darba fis-sena biex jiżguraw li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jkunu jikkonformaw mat-termini u l-kondizzjonijiet tar-rikonoxximent.

2. Meta l-ir-rikonoxximent jiġi rtirat minħabba li l-organizzazzjoni konċernata tkun talbet jew użat ir-rikonoxximent b'mod frawdolenti, kull għajnuna mogħtija taħt l-Artikolu 15(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2792/1999 <sup>(1)</sup> għandha tinġabar lura mill-Istat Membru.

*Artikolu 8*

Ir-Regolament (KE) Nru 2939/94 qiegħed jiġi abrogat permezz ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 9*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jkun jgħodd mill-1 ta' Jannar 2002.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

<sup>(1)</sup> ĠU L 337, 30.12.99, p. 10.